MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 46/2002/1

**Giovanni u Emily konjugi Vella**

**vs**

**Michael Cilia**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Settembru, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' elf u hamsin lira Maltija (Lm1,050) hlas ta' danni sofferti minnhom peress li f'Ottubru 2000 kwantita kbira ta' ilma ngemghet fil-fond Flat 3, Tulip Court, Triq il-Mazzola, Bugibba, San Pawl il-Bahar propjeta tal-

konvenut. L-ilma pperkola fil-fond ta’ tahtu li huwa propjeta ta’ l-atturi u cioe’ Flat 2, Tulip Court, Triq il-Mazzola, Bugibba, San Pawl il-Bahar u kkawza hsara.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha kkontestaw ir-responsabbilta ghall-hsarat.

Semgha x-xhieda u trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:-

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

[a] L-atturi huma l-propjetarji tal-fond Flat 2, Tulip Court, Triq il-Mazzola, Bugibba, San Pawl il-Bahar. Fiz-zmien in kwistjoni l-appartament kien mikri lil certu D.A. Zikov u Josette Caruana.

[b] L-appartament ta’ l-atturi huwa sottostanti ghal dak tal-konvenut [Flat numru 3] li jinsab fl-istess blokk.

[c] Il-konvenut juza l-appartament matul ix-xhur tas-sajf.

[d] F’Ottubru 2000 uliedu marru fl-appartament u fethu l-*main* ta’ l-ilma u hargu. Meta rritornaw lura sabu l-appartament mgharraq fl-ilma [gholi ta’ circa erba’ pulzieri].

[e] Mill-indagni li saret irrizulta li wiehed mill-*flexible pipes* [tas-sink tal-kamra tal-banju] kien inqasam. Skond ma xehed il-konvenut dan il-pajp [li jinsab fl-atti – fol. 68] jiehu ilma dirett mill-main tal-Gvern.

[f] L-ilma ippenetra l-art u spicca dahal fil-propjeta ta’ l-atturi u kkaguna l-hsara. Dahal ukoll ilma fil-propjeta ta’ Joseph u Rita konjugi Herrera [flat numru 1 fl-istess blokk].

[g] L-atturi saru jafu b’dak li kien gara meta kkomunika maghhom Joseph Scicluna, girien taghhom li joqghod fil-

fond adjacenti ghall-blokk ta' appartamenti Tulip Court, u gharrafhom li kien sab l-ilma fil-propjeta tieghu u tahom parir sabiex jinzlu jaghtu titwila fl-appartament taghhom.

[h] F'Novembru 2000 l-inkwilini tal-appartament numru 2 [propjeta ta' l-atturi] tterminaw il-kirja minhabba li l-fond ma kienx adattat biex ighixu fih in-nies tant kien nizel ilma.

[i] Il-kaz gie nvestigat minn Odette Farrugia, *surveyor* ta' MSB Valletta Limited li mieghu kien assigurat l-appartament propjeta tal-konvenut. Hija xehdet fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2002 [fol. 69] u kkonfermat li mill-investigazzjoni li ghamlet irrizulta li:-

- Il-main ta' l-ilma kien jinzamm maghluq fiz-zmien li l-appartament ma kienx ikun okkupat;

- Dakinhar li sehh l-incident il-fond kien qieghed jintuza minn iben il-konvenut li pero' fil-hin ta' l-incident ma kienx qieghed fl-appartament;

- L-ilma nizel wara li tqaccat wiehed mill-*flexible pipe* imwahhal mas-sink tal-kamra tal-banju.

2. L-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"*;

u l-Artikolu 1032 jistipula:

*"Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prundenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja".*

Fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Spiteri vs Alexander Camilleri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' April 1937 [Vol. XXIX.i.937] gie ssottolinejat:-

*"mill-banda l-ohra huwa assodat fid-dottrina u accettat fil-ligi taghna illi d-diligenza li hija necessarja fil-materja tad-*

*danni li jkunu gejjin mid-delitti jew kwazi hija dik tal-persuna medja, cjoe' d-diligenza ordinarja; "la media del dovere non e' la previdenza della quale e' capace un dato individuo, ma e' quella commune di un uomo prudente" (Cogliolo – Colpa Aquiliana, scritti vari Vol. I, pag. 202). Il-Pollock (Law of Torts, page 357) jistabilixxi l-istess principju fid-Dritt Ingliz:- "We have to assume that the standard of duty is not the foresight and caution which this or that particular man is capable of, but* ***the foresight and caution of a prudent man****"*.

Ghal dak li jikkoncerna min mill-partijiet irid jaghti prova, issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Ingegnere Frank Calafato vs Carmelo Grech** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Novembru 1921 [Vol. XXIV.i.894] fejn intqal:-

*"Attessocche' contrariament a quanto sembra aver ritenuto la prima Corte, quando in un giudizio di risarcimento di danni l'attore allega d'aver sofferto il danno di culi reclama la rifazione, per colpa del convenuto, egli e' nell'obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo; poiche' la colpa e' un'ipotesi giuridica e generica finche' sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili. Occorreva quindi che nella causa fosse risultata la colpa specifica del convenuto, consistente in un fatto o una omissione, alla quale potesse attribuirsi la rottura del cilindro della motocicletta in quistione che l'attore nel suo atto di citazione ha allegato d'essere stata cagionata dal convenuto"*.

Issir ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino vs Angelo Xuereb noe et** [Citaz. Nru: 1264/99TM] deciza fit-3 ta' Lulju 2003:- *"fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilta extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f'tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert"*.

Ghalhekk l-atturi ghandhom l-obbligu li jipprovaw pozittivament il-htija u r-responsabbilta tal-konvenut kemm ghall-fatt li sehh il-perkolazzjoni ta’ l-ilma, kif ukoll ghad-danni konsegwenzjali. Huwa lill-attur li tinkombi, skond ir-regoli komuni ta’ dritt, il-prova tal-*culpa*. Hekk per ezempju, *“il vicino, lo stabile del quale e’ incendiato come conseguenza dell’incendio scoppiato nello stabilimento vicino, se chiede una indennita’ al conduttore o al proprietario di tale stabbilimento ha l’onero della prova della colpa di uno conduttore o di uno proprietario….”*.[Vol. XXV.iii.768]. Kif tajjeb intqal fil-kawza fl-ismijiet **Antonio Vella vs Emanuel Attard** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-12 ta’ Lulju 1976 ir-regola komuni huwa l-principju *“culpae non praesumuntur, u ghalhekk ma toperax u ma tapplikax meta l-awtur tad-dannu ma jkunx obbligat versu d-danneggjat minhabba u skond kuntratt, jew in forza ta’ kwazi kuntratt. Fejn ma hemmx kuntratt jew kwazi kuntratt japplikaw ir-regoli komuni sanciti mill-aforisma legali affermanti incumbit probation (Re Regulis Juris) actore non probante, qui convenitur, stei nibil ipse praestet, obtinebit”*.

3. Illi wiehed minghajr ma jrid jistqarr li dan huwa incident sfortunat hafna fejn l-atturi intortament sofrew danni fi hwejjighom. Madankollu mill-provi kollha li tressqu quddiem it-Tribunal ma jirrizultax li l-konvenut ghamel xi haga jew naqas li jaghmel xi haga li wasal ghad-danni sofferti mill-atturi. It-Tribunal ma jista’ jara l-ebda ness. Mill-provi hemm indikazzjoni li dan kien kaz ta’ pajp li nfaqa’ bil-pressa ta’ l-ilma u li fuqu ma kellu l-ebda kontroll il-konvenut. Huwa minnu li rrizulta li l-pajp twahhal mill-konvenut, b’danakollu ma rrizultax li kien hemm xi nuqqas dwar il-mod kif dan twahhal. Dan apparti l-fatt li t-Tribunal m’ghandu l-ebda prova teknika li tikkonferma li t-tip ta’ *flexible pajp* li ntuza mill-konvenut m’ghandux jintuza fil-kaz ta’ ilma li gej direttament mill-*main*.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut u jichad it-talba ta’ l-atturi.

Minhabba n-natura tal-kaz l-spejjez ghandhom jibqghu minghajr taxxa."

L-atturi hassewhom aggravati b'din id-decizjoni u talbu r-revoka taghha fuq dawn iz-zewg motivi:-

1. It-Tribunal ghamel interpetazzjoni skorretta tal-ligi. Huma jikkontendu f'dan il-kuntest illi t-Tribunal xehet il-piz tal-provi fuqhom. Invece, huma jsostnu, illi gjaladarba kien il-konvenut li allega l-kaz fortuwitu din il-prova kienet tinkombi fuqu u mhux fuqhom.

2. It-Tribunal ghamel evalwazzjoni skorretta tal-fatti. Gjaladarba, kif kontez minnhom, il-flexible pipe nxtara u gie nstallat mill-konvenut ma kien hemm l-ebda fortuwitu bil-fatt tal-pressa tal-ilma, izda biss l-involviment tal-bniedem. Dan anke ghaliex, kif sostenut minnhom, ebda pipe ta' haddiehor ma nqasam, bil-pressa.

Huwa principju pacifikament ricevut f'materja ta' danni illi "biex ikun hemm lok ghar-responsabilita` tad-danni hemm bzonn li min jitlobhom jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza imma li dak l-att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti" (**Kollez. Vbol. XXX pIII p142**).

Din ir-realta` kienet timponi fuq l-atturi appellanti li jipprovaw pozitivament il-htija tal-konvenut appellat kemm tal-fatt li l-infiltrazzjoni ta' l-ilma fil-fond taghhom kif ukoll tad-danni konsegwenzjali subiti b'din l-istess infiltrazzjoni. Fi kliem iehor jenhtieg li jigi provat li l-konvenut appellat kolpozament u negligentement ma hax il-prekawzjonijiet ta' bonus paterfamilias mistennija minnu biex jassigura li ma jigux kawzati d-danni li effettivament graw fil-fondi vicini.

Biex wiehed jillustra dan il-principju qed issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Giovanni Tabone et -vs- John Ellul Sullivan noe et**", Qorti Kummerc, 7 ta' Frar 1924 f'liema kaz kien sehh incendju fil-fond vicin ghal dak tal-atturi. Fiha ntqal a propozitu illi "il vicino lo stabilimento del quale e` incendiato come conseguenza dell'incendio

scoppiato nello stabilimento vicino se chiede indennita` al conduttore o al proprietario di tale stabilimento ha l'onere della prova della colpa di esso conduttore o di esso proprietario perche` egli invoca contro di lui un diritto che non ha altro fondamento che la colpa di colui contra il quale il reclamo vien fatto" (**Kollez Vol. XXV pIII p768**).

Issa a norma ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". Jezistu mbaghad certi presunzjonijiet legali ta' responsabilita` fir-rigward ta' sidien ta' bini bhal dawk ezemplifikati fl-Artikoli 1041 u 1042 tal-istess Kodici. Wiehed necessarjament jifhem li bini jinkorpora fih mhux biss il-gebla izda l-impjanti u nstallazzjonijiet ta' go fih. Huwa ghalhekk prezunt illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara kagjonata anke minn dawn l-impjanti u nstallazzjonijiet taht il-kontroll tieghu. Li jfisser allura li jissussisti d-dover ta' kontroll u ta' kustodja adegwata ta' dawn il-hwejjeg li fuqhom is-sid jew detentur ghandu l-poter materjali. Il-mizuri tal-prekawzjoni u tas-salvagwardja ta' dawn il-hwejjeg ghandhom ikunu ritenuti korrelatati mal-ordinarja diligenza. Ghalhekk ma jestendux ghall-konsiderazzjoni ta' mgieba irrazzjonali u l-boghod minn kull logika tad-dover primarju tad-diligenza.

Il-Kodici Civili Taljan jikkontjeni fl-Artikolu 2051 tieghu disposizzjoni espressa li tghid li "ciascuno e` responsabile del danno cagionato della cose che ha in custodia, salvo che provi il caso fortuito".

Dan id-dispost gie spjegat mill-Qorti tal-Kassazzjoni illi "in tema di danni cagionato da cose in custodia, l-Articolo 2051 non esonera il danneggiato dell'onere di provare il nesso causale fra cose in custodia e danno, ossia di dimostrare che l'evento si e` prodotto come conseguenza normale della particolare condizione, potenzialmente lesiva, posseduta della cosa, mentre spetta al custode dimostrarne il fortuito" (**Cass. 13 ta' Frar 2002, Numru 2075**).

Huwa desumibbli minn dan illi dimostrat li l-event sehh minn haga taht il-kontroll tal-konvenut, sta imbaghad

ghall-konvenut li jipprova minn naha tieghu l-fortuwitu bhala kawza esklussiva, jew bhala konkawza, fil-process tal-produzzjoni ta' l-event dannuz.

F'certu sens is-suesposti konsiderazzjonijiet tad-dritt civili Taljan jsibu sosteniment anke fil-gurisprudenza taghna.

Hekk per ezempju jinghad fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Muscat et -vs- Carmelo Agius**", Appell, 14 ta' Jannar 1939 (**kollez. Vol. XXX pI p971**) lli "biex iwaqqa' l-presunzjoni tal-htija l-konvenut ghandu jipprova l-konkors ta' zewg cirkostanzi:-

(i) l-accident jew il-fortuwitu bhala kawza ta' hsara;

(ii) in-nuqqas ta' htija da parti tieghu bhala kawza medjata u immedjata tal-hsara."

Issa, kif drabi ohra ntqal, il-kaz fortuwitu huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza (**Kollez Vol. XXX pI p869**). Intqal ukoll illi biex ikun hemm il-kaz fortuwitu, mhux bizzejjed avveniment insolitu imma jehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja (**Kollez. Vol XXXV pII p637**). Kif, ex abundantia, rilevat il-prova tal-fortuwitu jew tal-kawza estranea tinkombi fuq il-konvenut li jissollevaha bhala difiza skagonatrici (**Ara Vol. XXXI pI p467**). Sta ghalih li jipprova li l-kawza fortuwita serviet biex tinterrompi l-kollegament bejn il-kolpa addebitata u l-event dannuz. Tinsorgi ghalhekk fil-kaz prezenti d-domanda jekk dak li sehh kienx ir-rizultat ta' kawza fortuwita inevitabbli fis-sens li wiehed ma setax ikun mistenni li jiehu mizuri preventivi kontra dak li ma setax normalment jigi prevdut. Jispetta ovvjament lill-gudikant li jevalwa r-rizultanzi processwali.

Fuq il-bazi tas-survey report preparat minn MSB Valletta Limited (fol 68) it-Tribunal osserva li l-kawza ta' l-infiltrazzjoni tal-ilma fil-fond tal-appellanti kienet dovuta ghall-fatt li nfaqa' l-"flexible pipe" sottostanti l-"wash hand basin" minhabba l-pressa tal-ilma. Dan il-pipe kien

twahhal mill-istess konvenut appellat kif hekk minnu ammess fix-xhieda tieghu (fol 66).

It-Tribunal issokta josserva wkoll illi:-

i. ma rrizultax li kien hemm xi nuqqas dwar il-mod kif twahhal dan il-pipe;

ii. in assenza ta' prova teknika lanqas ma rrizulta li dan it-tip ta' pipe ma kellux jintuza fil-kaz ta' ilma gej direttament mill-main.

Issa apparti l-fatt li, kif fuq gja rilevat, il-prova dwar dawn il-kostatazzjonijiet tat-Tribunal kienet tinkombi lill-konvenut gjaladarba kien hu li ssolleva l-fatt tal-accidentalita`, m'hemmx dubju li kif ormai hu maghruf u ukoll prevedibbli, mhux rari li tokkorri pressjoni gholja ta' l-ilma. Jekk dan hu hekk tqum il-mistoqija jekk ghamlux sewwa ulied il-konvenut li fethu l-main u hargu l-barra mill-fond. Indubbjament, kwalsiasi risposta ghal dan il-kwezit mhiex bizzejjed biex twassal ghal nuqqas ta' diligenza u allura tal-htija. Jekk il-kawza principali kienet il-pressa tal-ilma kemm jista' jinghad li kien prevedibbli li tinfaqa' t-tubatura tal-ilma ossija l-'flexible pipe'. Jekk dan il-pipe nzamm bid-debiti ripari u manutenzjoni allura dan il-fatt ma setghax kien prevedibbli. Jekk le, seta' allura kien prevedibbli li jinfaqa' bl-istess pressa. Il-prova tal-fatt tal-manutenzjoni xierqa tieghu kienet inkombenti fuq il-konvenut appellat

Fid-deposizzjoni tieghu, skematikament riportata a fol 66, il-konvenut jghid li hu jiehu hsieb hafna l-fond pero` ma kienx jiftakar meta kien l-ahhar darba li nbidel il-pipe. Issa anke ghal min hu profan l-indikazzjonijiet huma (anke minn ezami tal-pipe esebit fol 86) li jew il-pipe ma kienx installat sew jew ma saru l-ebda kontrolli dwaru minn zmien ghal zmien biex jigi accertat l-istat u l-kondizzjoni tieghu. Kontrolli dawn li kienu necessarji li jsiru minn kull 'bonus paterfamilias' sid ta' fond biex jilqa' ghal kull hsara possibbli mhux biss lil hwejgu izda fuq kollox dawk tat-terzi.

Dan premess, irid jigi notat ukoll illi kif pacifikament akkolt, “quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenza della propria azione od ommissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto” (**Kollez. Vol. XXIV pI p172**).

Mir-rizultanzi processwali anke fuq il-kriterju l-aktar baxx tal-probabilita`, hekk ritenut sufficcjenti f’kawza civili ghad-danni, din il-Qorti, bl-invers tat-Tribunal, hi sodisfatta minn ness prossimu bejn kawza u effett biex tkun tista’ takkolla r-responsabilita` fuq il-konvenut appellat. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut appellat ma lahaqx il-grad tal-prova li dak li gara sar b’rizultat ta’ kawza fortuwita u mhux ukoll b’rizultat ta’ nuqqas ta’ attijiet preventivi adegwati biex jiskonguraw kontra l-event dannuz. Il-kaz tieghu jhalli lakuni u dubbju li ma jistghux jigu njorati.

Hu provvdut fis-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 8 ta’ l-Att Numru V ta’ l-1995 illi meta l-Qorti ta’ l-Appell taqta’ li l-appell ikun fondat u gustifikat din ghandha thassar id-decizjoni tat-Tribunal u ghandha hi stess taqta’ t-talba skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artiklu 7 ta’ l-istess Att. Mhux allura l-kaz li din il-Qorti tirrimetti l-atti quddiem it-Tribunal u sejra tagixxi konformement kif fuqha mpost minn dan is-subinciz fir-rigward tal-ezami tal-kwantum tad-danni. Danni dawn li jirdu jigu sodisfacentement approfonditi mill-kontendenti.

Ghal dawn il-motivi in kwantu ghall-kwestjoni tar-responsabilita` din il-Qorti qed tilqa’ l-appell interpost mill-atturi u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata tat-Tribunal fuq dan il-punt. Tiddiferixxi l-kawza ghas-seduta tal-20 ta’ Ottubru 2004 biex hemm tigi epurata u trattata l-kwestjoni tal-kwantum tad-danni.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------